**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 42 – IT-TNEJN 22 TA’ FRAR 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | | |
|---|---|---|
| | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru wieħed u erbgħin (41) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn id-9 ta’ Frar u t- 22 ta’ Frar 2010 .

2.2. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0432/10. Talba mingħand persuna li għandha omm ha toqgħod fi Triq Dun Karm (fejn hemm it-tabelli tal-ħin) biex tingħata permess speċjali ħalli tkun tista’ tiehu ħsieb ommha. Il-Kunsill qed jikkunsidra din it-talba.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0442/10. Il-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereza kien qed isejjaħ laqgħa ta' informazzjoni għas-Sindki tal-Kunsilli tal-viċinanzi.

2.4. Is-Sindku Anthony Dalli irreferaħ għal l-korrispondenza Nru. 0460/10 dwar proposti għal l-proġetti flimkien mal-Kulleġġ Santa Tereza. Huwa qal li fejn hu possibbli finanzjarjament issir koperazzjoni flimkien ħa. Il-Prinċipal kien qal lis-Sindku li huwa dejjem milquġħ kemm jekk jkun hemm xi offerta ta' parteċipazzjoni jew le.

2.5. Is-Sindku Anthony Dalli irrerefaħ għal l-korrispondenza Nru. 0503/10 dwar l-aħbar tal-mewt ta' missier Etienne Bonello Dupuis, Kunsillier fil-Kunsill ta' San Gwann, u talab biex nibgħatu l-kondoljanzi f'isem il-Kunsill tagħna.

2.6. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0407/10. Is-Segretarju kiteb lill-Perit Mintoff fuq il-proġett tal-bini ta' l-Uffiċċju fi Pjazza Ninu Cremona biex ilesti l-pjanti finali skond il-qisien li bagħat id-Dipartiment tal-Artijiet.

2.7. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0471/10. Il-Kunsill kiteb lura liċ-Chairman tal-ADT li ma kienx qed jaqbel ma' l-ordni biex jerġgħu jinżebgħu l-linji s-sofor man-naħa taċ-ċint u talab investigazzjoni.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn id-9 ta' Frar u t-22 ta' Frar 2010, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward rapporti Nru./120133, 120155, 15/02-2 u 17/02-1 fuq bozoz maqtugħa dawn qegħdin f'idejn l-Enemalta.

3.3 Rigward rapport Nru. 11/02-1 dwar vettura mitluqa fi Triq Dwardu Cachia, iżda li għandha liċenzja mħallsa; il-Kunsill sejjer jinvestiga.

3.4 Rigward ilment Nru. /12/02-1 dwar vannijiet tal-ħaxix li qed jarmaw fi Triq Ġuże Galea u jimlew il-'parking-bays' bil-kannestri; il-Kunsill sejjer jagħmel rapport mal-Pulizija.

3.5 Rigward talba Nru.12/02-2 biex issir kaxxa safra quddiem il-garaxx tiegħu peress li dan ir-resident minn Triq Ġuże Pesci ġab vettura kummerċjali. Il-Kunsill approva li ssir meta jassallu l-Van.

3.6 Rigward talba Nru. 16/02-2 biex issir kaxxa għad-“Disabled” fit-tarf ta’ Triq Ġużè Galea; Il-Kunsill sejjer jikkunsidra din it-talba.

3.7 Rigward ilment Nru. 17/02-1 dwar residenta minn Triq Patri Marjanu Vella li tieħu l-klieb tagħha iħammġu wara bieb ta’ din ir-residenta; Din tista’ teħel multa jekk tinqabad mil-Wardens.

## 4. ĦLAS TA’ KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta’ kredituri kif tidher annessa f’dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli ‘mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq kwotazzjoni li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand id-Ditta M-Quip Ltd fuq parti mix-Shute li nkissret u li qiegħda perikoluża.
L-ammont kien ta’ €1156 inkluz il-Vat, ġarr, imma mhux il-labour.
Il-Kunsill approva unanimament li din tinxtara mill-ġdid.

4.4 Is-Segretarju ressaq ukoll ir-Rendikont tal-attivitajiet li saru matul il-Milied. Din kienet tlaħħaq għal €4170.13 fejn saru diversi attivitajiet.

Il-kunsill Lokali approva unanimament dan ir-rapport.

Doc. E anness.

## 5. MATERJI KONNESSI MA’ L-AWTORITA` TA’ L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta’ l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03609/09. ‘Change of use’ minn garaxx għal “Nail Studio” u bejgħ ta’ prodotti anċillari ġo 41, “Fingertips by Melissa” Triq Stefano Erardi. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 06603/07. Applikazzjoni amendata. Biex tinbena swimming-pool, u approvazzjoni ta’ xogħol lest ġo Dar In-

Naspli, Triq Erin Seracino Inglott. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.4 Dwar PA 04515/09. Biex tiġi approvata dar kif inbniet ġo Faraġ, 72, Triq Stefano Erardi. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:

PA 05963/09. Biex jinbena appartament ‘duplex’ fuq l-ewwel sular u xogħlijiet fl-istess appartament. ‘Claudette’, 151, Triq Ċensu Busuttil.
PA 05715/09. Biex jiġi approvat xogħol ġewwa u barra minn dak approvat f’PA 4322/06 ġo Villa Oleander, Iklin Valley.

**6. APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2010.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għad-‘Draft Budget’ li kien ippreżenta fl-aħħar laqgħa. Hu talab jekk kienx hemm xi proposti jew suġġerimenti ġodda mill-Kunsilliera.

6.2 Peress li jidher li ma kienx hemm bżonn tibdil, dan ir-rapport għadda għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera u ġie approvat unanimament.

**7. JUM IL-MARA.**

7.1 Is-Sur Dalli kien ħabbar din l-attivita’ fl-aħħar laqgħa li għaddiet. Din kienet sejra issir nhar il-Ġimgħa 5 ta’ Marzu fejn l-ewwel issir quddiesa barra l-Iklin u wara jkun hemm “Buffet Breakfast” fil-Lukanda Riu Seabank.

7.2 Ħlas isir mal-booking sat-3 ta’ Marzu u tluq fid-9.00am minn Pjazza Ninu Cremona.

**8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-bankina li kienet qed issir bħalissa, Triq Patri Anastasju Cuschieri. Wara din issir il-bankina ta’ Triq Ġuże Pesci li kienet ġiet approvata wkoll.

8.2 Is-Sur Dalli qal li l-bankina ta’ bejn Triq Ġuże Pesċi u Triq Patri Anastasju Cuschieri fuq in-naħa tal-Knisja kienet fi stat ħażin ukoll u kellha bżonn tinbidel.

8.3 Hu staqsa lil-Kunsilliera jekk kienux qed jaqblu li din issir ukoll.
Jidher li kien hemm qbil u din ġiet approvata biex issir ukoll.

8.4 Is-Sur Dalli irrefera għas-servizz tal-Wifi b'xejn li xtaq jdaħħal il-Kunsill fil-Lokalita'. Wara nformazzjoni li ġab il-Kunsill mingħand il-Ministeru, jidher li dan huwa possibbli iżda jkun hemm ħlas ta' madwar €900 għal kull "Point".

8.5 Li jrid issir issa hu li jinstabu postijiet fejn ikunu jistgħu jiġu nstallati dawn il-"Points"

**9.00 AĠĠORNAMENT**

9.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.20pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm.

9.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 8 ta' Marzu 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |